Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u tletin (35) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet illum 28 t'April fis-6.00pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Alan Said | Kunsillier |
| Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |

| | | |
|---|---|---|
| 35.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, u l-kunsillieri qalu t-talba. Is-Sur Matthew Chetcuti bagħat sms lis-SE biex jinfurmah illi ma setax ikun magħna waqt il-laqgħa. Din kienet aċċettata mill-kunsillieri b'mod unanimu. | Apoloġiji |
| 35.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbgħa u tletin (34**)<br>Il-minuti tas-seduta numru 34 kienu korretti u approvati b'vot unanimu wara li tressqu mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mis-Sur Kris Grech li kienu fil-kamra. | Minuti |
| 35.02.01 | Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, qal illi sfortunatament kellu jingħalaq ħmistax ġewwa għaliex kien kwarantina minħabba l-Covid 19. Hu qal illi madankollu x-xogħol baqa' għaddej kif kien ippjanat fuq diversi proġetti fir-Rabat. | Xogħol tas-Sindku |
| 35.02.02 | Dwar il-ftehim man-*Note Book Centre*, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ħeġġeġ lill-kunsillieri sabiex immexxu aktar il-kelma ħalli r-residenti jgawdu minn dan il-benefiċċju fuq l-aġġeġġi elettroniċi tagħhom u ma jinqatgħux minn mas-soċjetà anke f'dawn iż-żminijiet tal-Covid 19. | Ftehim man-Notebook Centre |
| 35.02.03 | Is-Sindku tkellem dwar ir-radju tal-komunità u qal illi hemm l-interess fih u qed nagħmlu kuntatt mas-sidien biex isir kollox skont il-liġi filwaqt li dan ikun maniġġjat jekk mhux mill-Kunsill direttament, minn entità oħra li fiha jkun involut il-Kunsill. | Radju tal-Komunità |
| 35.02.04 | Dwar il-Proġett ta' *Embellishment* ta' Triq Santa Rita, is-Sindku, s-Sur Sandro Craus żamm lill-kunsillieri infurmati illi issa bdejna x-xogħol ta' infrastruttura, u qed nirrangaw ir-rampa tal-*wheelchairs.* Se jonqsu partijiet minnha u se tiżdied is-*soft area*. Hu qal illi l-għeruq tas-siġar tal-*ficus* kienu qed jitfgħu / jimbuttaw il-ħajt 'il barra. Intant, fejn hemm il-bank it-twil fid-*dispatcher's room* se jkunu qed jinħażnu t-tankijiet tal-ilma minħabba l-irrigazzjoni taz-zona u ma' dan il-ħajt se jkun hemm ix-xtieli imxebilkin biex jifforma ruħu *'green wall'*. | Proġett ta' Triq Santa Rita |

35.02.05 Dwar punt numru 34.02.04, jiġifieri dwar ir-restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju, il-kuntratt ingħata lill-Agius Stone Works u ġie ffirmat, filwaqt li d-direttur tal-kumpanija pproduċa l-*insurance* u l-*bank guarantee.* — Restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju

35.02.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar l-arbli tad-dawl taz-zuniter eżattament ta' quddiem il-Knisja. Hu qal illi dawn kienu weħlu u issa intlibsu bil-globi. Żied jgħid illi għal dawn se niġu mogħtija stima taż-żonqor taz-zukklatura. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hemm komunikat mal-Perit tal-Gvern is-Sur David Vassallo biex isir it-taraġ taz-zuntier viċin Triq Cosmana Navarra. Dwar l-iskema tal-*Fondi tal-Lesa* inawgurata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, intqal illi din il-ġimgħa se tidħol l-applikazzjoni biex nirrestawraw iċ-ċnut storiċi (ċimiteru antik) taz-zuntier tal-Bażilika. — Arbli tad-dawl taz-zuntier u r-restawr ta' ċint storiku.

35.02.05 Is-SE semma' l-proposta magħmula fil-laqgħa preċedenti biex persuna tkun appuntata biex isservi ta' President tal-Kunsill Skolastiku fil-każ tal-Iskola Primarja tar-Rabat. Hu qal li sfortunatament din il-persuna ma tistax isservi minħabba li m'għandiex ħin. — President Kunsill Skolastiku

35.02.06 Dwar il-latrina pubblika tal-Baħrija, is-Sindku qal illi se niltaqgħu biex noħorġu kwotazzjoni ħalli s-servizz jingħata nhar ta' Ġimgħa s-Sibt u l-Ħadd. — Latrina Pubblika tal-Baħrija.

35.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 322 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 41** — Ċedola tal-pagamenti 322 u Purchase / Works Order 41

Kienu approvati ċ-ċedola tal-pagamenti numru 322 u dik tal-*Works/Purchase Order* numru 41 b'vot unanimu.

35.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

35.04.01 Diversi kunsillieri staqsew dwar ix-xogħol li qed jagħmel l-MTIP bil-*backing* tal-KLR fi Triq Doni. Is-Sur Rudolph Grima talab għal *timeline* dwar kemm se jdum ix-xogħol kif ukoll għaliex se jinbidlu l-mejnijiet tal-ilma li m'ilhomx wisq li saru, filwaqt li s-Sur Chris Farrugia staqsa dwar x'tip ta' pavimentar se jintuża. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-ittra li tqassmet lir-residenti kollha li kien fiha l-firma tiegħu u tal-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, l-Onor Ian Borg. Is-Sur Chris Farrugia qal illi minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni, kien hemm residenti li kellhom xi *deliveries* u t-triq laħqet ingħalqet u ma setgħux jinqdew. Is-Sur Chris Farrugia staqsa dwar il-parkeġġ tal-*Housing Estate* u qal li dan issa kien dedikat (waqt ix-xogħlijiet) esklussivament għar-residenti t'hemmhekk. Is-Sur Craus qal illi l-parkeġġu hu dedikat għar-residenti tal-inħawi u mhux għal dawk ta' Għeriexem biss u m'hemm l-ebda' illegalità f'din il-ħaġa. Is-Sur Ian Vassallo qal illi l-mejnijiet tal-ilma inbidlu tlettax-il sena ilu filwaqt li s-Sur Craus qara *e-mail* minn fuq il-*lap top* dak il-ħin fejn intqal illi x-xogħol se jkun qed jikkonsisti f'dawn l-affarijiet: il-pavimentar ġdid inkluż it-taraġ, it-tibdil tas-servizzi tal-ilma, il-fanali dekorattivi, it-tneħħija ta' *cables* minn mal-faċċati tad-djar u fuq kollox illi Triq Doni se jibqa' jgħaddi t-traffiku minnha wara li jitlesta x-xogħol. Is-SE fakkar illi nhar l-Erbgħa, 5 ta' Mejju fis-6.00pm se ssir laqgħa fuq is-sit għar-residenti. — Triq Doni

35.05 **Rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika tar-*Refurbishment* tal-Uffiċini (Triq l-Isptar)** — Refurbishment tal-Uffiċini tal-Kunsill.

Is-SE qara l-konklużjoni tar-rapport tal-Evalwaturi dwar ir-*refurbishment* tal-Uffiċċju fejn dawn qed jirrakkomandaw illi din tingħata lill-*Cieffe Ltd.* Il-KLR kien unanimu dwar dan u l-offerta se tingħata lil din il-kumpanija.

35.06 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż ta' aċċident bil-vettura (Wied t'Għeriexem)** — Talba għall-kumpens ta' ħsarat fuq vettura.

Il-KLR ikkunsidra din it-talba u ra illi r-rapport li sar mis-Sur Daniel Micallef hu wieħed validu għaliex ir-rapport tal-pulizija sar dak in-nhar stess. Hawn intqal illi din mhix prova biżżejjed illi l-pulizija kien xhud illi l-ħsara saret fejn qed ikun allegat. Madankollu l-KLR jirrikonoxxi l-fatt illi l-pulizija mhux dejjem ikun possibbli li jinqalgħu mill-Għassa biex jivverifika inċident żgħir ta' din in-natura sakemm ma jkunux weġġgħu in-nies. Il-KLR se jħallas għal dan l-inċident kif ikun verifikat illi l-KLR hu responsabbli għas-sit.

| | | |
|---|---|---|
| 35.07 | **Proposta għat-tpoġġija ta' bin għall-ġbir taż-żejt (tal-kċina) fejn ir-reċipjent tat-tessuti fi Triq Rudolph Saliba.**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat mhux kontra illi jinġabar iż-żejt tal-qàli mid-djar b'dan il-mod, jiġifieri illi jitpoġġa f'reċipjent apposta li jkun f'post pubbliku. Madankollu l-proposta m'għaddietx, għaliex is-sit fejn l-iskola mhux wieħed addattat. *Refab Ltd* se tintalab issib post ieħor alternattiv aktar addattat. | Ġbir ta' żejt tal-qali. |
| 35.08 | **Talba għal study leave ta' Ms Caroline Farrugia**<br>Il-Kunsill se jagħti l-istess ammont ta' ġranet kif kien ta lis-Sna Naiomi Bugeja Micallef. | Study Leave |
| 35.09 | **Applikazzjoni tad-Dipartiment Gvern Lokali (SPI/SCI/5/2021) għall-*Community Inclusive Employment Scheme***<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi jitfa' żewġ applikazzjonijiet għal ħaddiema bi rwol differenti minn ta' xulxin biex jissieħbu fit-tim tal-Kunsill. | Community Inclusive Employment Scheme. |
| 35.10 | **Taħriġ fil-Computer fl-ECDL (on-line) mill-kumpanija TCTC**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi minħabba li mhux possibbli li jsir tagħlim fil-klassijiet iffullati, dan it-taħriġ hu addattat ħafna għaċ-ċirkostanzi preżenti tal-Covid 19. Għaldaqstant se nissieħbu f'din l-inizjattiva. | Tagħlim fl-ECDL on-line |
| 35.11 | **Proposta biex nissieħbu mal-kunsilli lokali tat-Tramuntana fl-offerta pubblika tal-*Garden Waste* mir-Reġjun Tramuntana**<br>Il-Kunsill iddeċieda illi jissieħeb mal-Kunsilli Lokali l-oħra tar-Reġjun Tramuntana biex ikun parti minn din l-offerta pubblika. Din se tkun ta' benefiċċju għall-ambjent Rabti. | Offerta Pubblika Konġunta. |
| 35.12 | **Oġġezzjoni fuq estenzjoni ta' dar PA 02012/21 – 5, Triq Cosmana Navarra sakemm il-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni għall-iskedar mal-Awtorità tal-Ippjanar**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien unanimu biex il-permess fuq imsemmi jkun iffriżat sakemm il-KLR jissottometti l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jiskeda din iz-zona kollha. Dan għaliex kwalunkwe żvilupp li qed isir f'dawn l-inħawi qed jitfa' fil-periklu numru kbir ta' residenti li jgħixu fuq għerien li jagħtu għall-foss ta' San Pawl. | Iffriżar tal-Applikazzjoni PA 02012/21 |
| 35.13 | **Allegata kostruzzjoni illegali f'Ras ir-Raħeb, il-Baħrija – PA546/20, PA5214/09, PA2753/03, PA2031/16 u PA1238/19**<br>Dwar l-iżvilupp ta' tqattigħ tal-blat u tpoġġija ta' diversi metri ta' ħitan tas-sejjiegħ f'din iz-zona, is-Sindku kien infurmat illi m'hemm l-ebda' żvilupp proġettat biex jinbnew strutturi ġodda, vilel, *swimming pools* ecc. Dwar dan, l-Awtorità tal-Ippjanar qed iżżomm ħarsitha fuq l-iżviluppaturi u se taġixxi fejn ikun hemm vjolazzjoni ta' xi permess jew regolament fl-inħawi ta' Fomm ir-Riħ. Is-Sindku qal illi l-ERA mpediet lil xi żviluppaturi minn ċertu attività fuq is-sit daqstant pittoresk. | Fomm ir-Riħ |
| 35.14 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord għall-Offerta Pubblika tal-RLC197/20 *Photography, videography and printing of Rabat Local Council Magazine, flyers and printed materials in an environmentally friendly manner.***<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra ir-rapport ta' evalwazzjoni li l-konklużjoni tiegħu kienet moqrija mis-SE f'din il-laqgħa u ma kellu l-ebda' oġġezzjoni biex din l-offerta tingħata lill-Marketing and Design Promotions Ltd. | Offerta tal-Magazine tal-Kunsill |
| 35.15 | **Appuntar ta' evalwaturi kwalifikati fl-IT biex tkun evalwata l-offerta pubblika RLC 191/20 *Provision of a comprehensive resident care system for Rabat LC.***<br>Is-Sindku u l-kunsillieri appuntaw lis-Sur Silvio Abela u lis-sid tan-*Notebook Centre* biex iservu fuq il-bord ta' evalwaturi ta' din l-offerta pubblika. Is-SE se jagħmel kuntatt magħhom biex naraw jekk dawn jaċċettawx. | Evalwazzjoni tal-Resident Care System |
| 35.16.01 | **Punti Oħra** | Office Administrator |

Is-Sur Sandro Craus qal illi għada hija l-aħħar ġurnata tas-Sur Marco Scerri (l-*office administrator*), għaliex is-Sur Scerri ġietu offerta aħjar u se jkompli bil-karriera tiegħu xi mkien ieħor. Hu rringrazzja lis-Sur Scerri tal-ħidma tiegħu.

35.16.02 Fi tmiem is-seduta intqal illi minħabba x-xogħlijiet fi Triq Għeriexem hemm min qed jabbuża u qed jitla' bil-vettura kontra l-one-way fi Triq ir-Rebħa biex jaċċessaw Triq Għeriexem. Dwar dan se ninfurmaw lill-pulizija tal-komunità.

Vjolazzjoni tat-traffiku

35.16.03 Is-Sur Rudolph Grima qal illi ma jistax ma jsemmix it-traffiku goff li qed jgħaddi minn Triq Gorg Borg Olivier bħalissa għaliex Triq Għeriexem hija magħluqa minħabba xogħlijiet fuq il-*promenade.* Għal dan il-kliem, is-Sindku qal illi bħala Kunsill għandna responsabbilità illi ninfurmaw lin-nies li hemm toroq oħrajn bħal Triq San Trofimu, Triq San Tumas ecc illi qed isiru fihom ix-xogħlijiet minn Infrastruttura Malta u li r-residenti qed ibatu ħafna minħabba t-trabijiet u traffiku esaġerat f'toroq aġjaċenti. Is-Sur Craus qal illi hu infurmat illi għada 29 ta' April, il-*by-pass* tal-Imtarfa u min-Nigret 'l isfel se tinfetaħ two way għaliex f'dawn l-inħawi għaddejn ukoll ix-xogħol tat-taffija tal-għargħar bl-eskavar ta' gandotti ġodda. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus kkonkluda illi hemm toroq f'Tal-Ħamri u fl-entrata ta' Għar Żerriegħa, illi ilhom jistennew il-wiċċ tat-triq minn Ottubru 2020 għaliex sar xogħol mill-KSI fuq id-drenaġġ li kien introdott fl-inħawi tal-Imtaħleb.

Traffiku qawwi f'diversi toroq fir-Rabat.

35.16.04 Is-Sur Chris Farrugia semma' l-fatt illi fi Triq il-Vaguni hemm bżonn li jitwaħħal *doggy bin* mal-erbgħa reċipjenti tal-iskart (*black bins*) li hemm preżentement.

Doggy Bin

35.16.05 Is-SE informa lill-kunsillieri illi ħarġet l-offerta pubblika dwar ir-restawr tan-niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja u se toħroġ l-offerta pubblika konġuntalment mal-Kunsill Lokali tal-Imdina dwar il-vetturi elettriċi.

Niċċa ta' San Pawl u vetturi elettriċi.

35.16.06 Is-Sur Chris Farrugia fakkar fil-bżonn illi viċin is-sorijiet tal-Ursolini f'tal-Virtù il-KLR kien ikkommetta ruħu li jiksi bil-*paving blocks* l-unika bankina li għad fadal f'dawn l-inħawi (jiġifieri li għadha bil-wiċċ tal-konkos)

Bankina bil-pavimentar

35.16.07 Is-Sindku, Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proġett ta' quddiem il-Knisja tal-Baħrija u qal illi dan dalwaqt se ikun indirizzat. Se ssir konsultazzjoni pubblika mar-residenti peress li se tingħalaq parti mit-triq madwar il-knisja l-ġdida. Dwar il-Baħrija, is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi hemm il-pjanti tar-*road markings* lesti u dawn se jsiru skont kif ippjanat minn *Transport Malta*. Dwar dawn ix-xogħlijiet hemm xi stimi miġbura diġà.

Proġett tal-Baħrija.

35.17 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss**
Il-laqgħa ntemmet fit-20.05 u dik li jmiss se tinżamm nhar id-19 ta' Mejju fis-18.00.

Aġġornament

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula mis-Sur Anthony Bonello u approvati llum /5/2021 mis-Sur Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku